# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 342/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Wilson Mifsud**

Illum l-erbgħa (4) ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Wilson Mifsud**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 527284(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fil-kwalita' tiegħu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rappreżentant ġuridiku u/jew uffiċjal ieħor tas-soċjeta' kummerċjali WM ENVIRONMENTAL LTD. (C 53505), b'indirizz reġistrat 13, Triq l-Għasir, Żebbuġ, Malta naqas bħala min irċieva t-trasferiment ta' negozju fi ħdan Karin

> Grech Rehabilitation Hospital f'Jannar 2015, li jassumi d-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min ittraferixxa, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-impjieg u li, skont il-liġi, jiġu trasferiti lil minn jirċievi t-trasferiment mat-tlestija tal-imsemmi trasferiment liema obbligi jinkludu li jassumi kull impjegat fl-impjieg ta' min ittrasferixxa fid-data tat-trasferiment tan-negozju. Huwa naqas milli jassumi fl-impjieg lil impjegata **Tatyana Boyanova Ivanova** (I.D. 50307A) bħala l-persuna li lilha ġie ttrasferit in-negozju.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat, *ai termini* ta' Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u skont Regolament 9 tal-Avviż Legali 433 tal-2002, kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007, 195 tal-2010, 129 u 443 tal-2011, u 363 u 467 tal-2012, iħallas multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) hekk kif tipprovdi l-liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 38, 45 u 46 ta' Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 3A, 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2018 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-*parte civile* Tatyana Boyanova Ivanova kienet impjegata mas-soċjeta' Gafa' Saveway Ltd., liema soċjeta' kienet tagħmel xogħol ta' tindif fl-isptarijiet San Luqa u Karin Grech. Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li meta l-imsemmija soċjeta' ġiet *blacklisted,* ix-xogħol ingħata lis-soċjetajiet TF Services Ltd. (u mhux Klentec Ltd. kif skont hu ġie erronjament indikat mix-xhud tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali) u WM Environmental Ltd. li tagħha huwa dirett ur. Fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li meta s-soċjetajiet il-ġodda bdew ix-xogħol tagħhom, Ivanova marret għand is-soċjeta' TF Services Ltd. u talbet sabiex tiġi impjegata magħhom u huma rrifjutaw u ftit wara marret għand is-soċjeta' WM Environmental Ltd. fejn ġiet offruta li jżommuha fl-impieg bħala *cleaner*. Jisħaq li d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-għanijiet ta' *transfer of business* ma kienx effettivament ingħata lis-soċjeta WM Environmental Ltd. u kienu huma li kellhom ifittxu min huma l-impjegati. Jisħaq li Ivanova rrifjutat l-offerta ta' WM Environmental Ltd. u marret għand id-Dipartiment għall-Impiegi u r-Relazjonijiet Industrijali u bħala konsegwenza nħarġet l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li għal fini ta' kompletezza għandu jiġi nnutat is-segwenti:

- Skont il-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-13 ta' Ġunju 2018 (*a fol.* 65) il-partijiet qablu li fil-mument li meta Gafa' Saveway Ltd. ma baqgħetx tħaddem il-ħaddiema dawn għaddew għal żewġ kumpaniji oħra li waħda minnhom hija ġestita mill-appellant. Iżda l-*parte civile* kkontendiet li hi dejjem kienet assenjata f'xogħlijiet mal-kumpanija rappreżentata mill-appellant u ma ebda terz ieħor.

- Fil-verbal tas-seduta miżmuma fit-23 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 117) il-konsulent legali tal-appellant iddikjara quddiem din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjonijiet bejn l-appellant u Ivanova kienu ġew riżolti u dan mingħajr preġudizzju għall-mertu tal-appell. Fis-seduta miżmuma fit-18 ta' Mejju 2023 quddiem din il-Qorti kif preseduta, il-konsulent legali tal-appellant żamm ferm id-dikjarazzjoni minnu magħmula fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2020 hawn fuq imsemmija.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod erroneju kif ukoll għamlet apprezzament parzjali tal-provi mressqa quddiemha. Jgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet li ma sabitux kredibbli, tqabbil tax-xiehda mogħtija minnu max-xiehda mogħtija minn Ivanova turi li ftit li xejn hemm diskrepanzi. Jgħid li l-konsapevolezza *o meno* tal-kuntratt da parti tiegħu mhijiex ta' konsegwenza għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet strettament ta' natura legali mqajma mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali. Jgħid li l-post ta' Ivanova kellu jkun ta' ekoloġista u mhux ta' *supervisor* kif indikat fis-sentenza appellata.

Illi fl-istess aggravju l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti talbitu jipproduċi lista ta' ħaddiema li kienu trasferiti għal miegħu u jissottometti li mhux il-kompitu tal-Qorti tal-Maġistrati li tordnalu

jipproduċi provi essenzjali għall-każ tal-Prosekuzzjoni meta l-Prosekuzzjoni tkun naqset li għamlet il-prova hi. Jgħid li minn naħa l-oħra meta l-Ewwel Qorti kkummentat dwar il-preżentazzjoni tat-*termination form* ta' Ivanova hija ma qalitx li tali dokument kien eżebit mill-avukat tal-*parte civile* mingħajr ma qatt ġie kkonfermat mid-dipartiment li suppost ħareġ l-istess dokument. Jgħid li meta xehed ir-rappreżentant tar-Reġistru tal-Kumpaniji fejn ikkonferma li hu (l-appellant) kien direttur tas-soċjeta' WM Environmental Ltd., ix-xhud ma pproduċa ebda dokument in sostenn ta' din l-asserzjoni. J għid li l-Ewwel Qorti ma kkummentatx dwar dan in-nuqqas. Jisħaq li meta Mario Gatt in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Impjiegi qal li ma kien ra l-ebda dokument ta' kif tqassmu l-impjegati, l-Ewwel Qorti ma kkummentatx u għamlet sensiela ta' assunzjonijiet biex tasal li r-rekwiżiti tal-liġi kienu sodisfatti.

Illi l-appellant jagħmel riferenza kemm għal Artikolu 38(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll għal Regolament 4 tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li s-soċjeta' li kienet qed tiġi trasferita kienet timpjega aktar minn għoxrin impjegat u li l-informazzjoni dwar l-impjegati l-ġodda ngħatat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Jgħid li dawn il-provi ma sarux u li hu ma kellu ebda obbligu li jagħmel ix-xogħol li kellha tagħmel il-Prosekuzzjoni. Jargumenta li l-Qorti ma tistax tagħti interpretazzjoni wiesgħa li tipperikola ċ-ċertezza legali li jitlob Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jgħid li jirriżulta li l-prova tal-element materjali u tal-element formali ma saritx.

Illi din il-Qorti ser tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju in eżami billi tagħmel riferenza għall-artikoli tal-liġi in kwistjoni. Artikolu 38(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) jgħid hekk:

> "Meta negozju jew azjenda oħra jittieħed il-kontroll tagħhom, għal kollox jew f'parti, minn persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa "il-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju") mingħand

prinċipal (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "min jittrasferixxi"), kull impjegat fl-impieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju għandu jitqies li jkun fl-impieg tal-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittrasferixxi għandu rigward l-impjegat."

Illi Artikolu 38(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"Min jittrasferixxi u l-persuna li lilha jiġi trasferit in-negozju għandhom jinformaw lir-rappreżentanti tal-impjegati dwar l-impjegati rispettivi tagħhom li ser jkunu milquta bit-trasferiment dwar –

(a) id-data jew id-data maħsuba għat-trasferiment;

(b) ir-raġunijiet għat-trasferiment;

(ċ) l-implikazzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali tat-trasferiment għall-impjegati; u

(d) il-miżuri li ser jittieħdu rigward l-impjegati."

Illi Regolament 3A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju) jiddisponi s-segwenti:

"(1) Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impieg ta' kull persuna li kienet ġiet impjegata minn min qed jittrasferixxi għandu jkollu effett daqs li kieku sar oriġinarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tirċievi t-trasferiment.

(2) Mat-tlestija tat-trasferiment, id-drittijiet, is-setgħat, l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha ta' min jittrasferixxi, u li joħorġu minn jew huma konnessi ma' xi kuntratt tal-

impieg kif imsemmi fis-subregolament (1) għandhom jiġu trasferiti lil min jirċievi t-trasferiment:

[...]."

Illi Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.85 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq imsemmija jgħid hekk:

"L-artikolu 38(2) tal-Att għandu japplika biss għal dawk l-ażjendi jew partijiet minn ażjendi li jkunu qed jiġu trasferiti u li jimpjegaw aktar minn għoxrin impjegat, inklużi l-impjegati kollha *full-time* u *part-time*:

Iżda minkejja kull ħaġa li hemm fl-Att u f'dawn ir-regolamenti, u irrispettivament mill-qies tal-*workforce*, min jittrasferixxi għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-impieg ta' kull impjegat lil min qed jirċievi t-trasferiment, liema informazzjoni għandha dejjem tinkludi kopja tal-kuntratt tal-impieg jew dikjarazzjoni bil-miktub skont ir-Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati u l-informazzjoni provduta minn min jittrasferixxi lil min qed jirċievi t-trasferiment fir-rigward ta' impjegat partikolari għandha tingħata wkoll lil dak l-impjegat u trid tiġi pprovduta mingħand min qed jittrasferixxi lil min qed jirċievi t-trasferiment fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-identifikazzjoni ta' min qed jirċievi t-trasferiment jew sad-data tat-trasferiment tan-negozju, skont liema tiġi l-ewwel."

Illi mix-xiehda tal-appellant stess jirriżulta li meta Gafa' Saveway Ltd. spiċċat, nofs il-ħaddiema marru mas-soċjeta' WM Environmental Ltd u n-nofs l-ieħor mar mas-soċjeta' TF Services Ltd (skont id-difiża għaliex issemmiet kumpanija oħra Klentec Ltd.). B'kollox mat-twaqqif ta' Gafa' Saveway Ltd. kien hemm nofs il-ħaddiema kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-appellant (*a fol.* 47) fejn huwa jsemmi: *"Inqasam kien hemm fifty (50) per eżempju, ħamsin (50) ruħ. [...] U nqasmu ħamsa u għoxrin (25) mal-kumpanija*

*tagħna u ħamsa u għoxrin (25) mal-kumpanija l-oħra"* (*a fol.* 47). L-appellant jgħid ukoll li huwa direttur tas-soċjeta' WM Environmental Ltd. u għalhekk jikkonferma dak li xehed il-PL Quentin Tanti in rappreżentanza tal-MFSA (*a fol.* 20 *et seq.*). Jirriżulta wkoll li l-*parte civile* Tatyana Boyanova Ivanova kienet marret tkellem lill-kumpanija xi ħmistax jew tnax-il jum wara li beda jaħdem. Jekk beda jaħdem fit-3 ta' Jannar 2015, allura kienet marret għandu fit-18 ta' Jannar 2015. Huma kien sejrin inaddfu parti minn Karin Grech. Iżda Ivanova ssemmi li marret tkellmu fil-5 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 27) u li kompliet tippanċja għal ħamest ijiem. Lid-dipartiment tax-xogħol kienet irrapurtatlu li ħadd miż-żewġ kumpaniji ma kien żammha. Skont ix-xiehda ta' Mario Gatt (li fi żmien kien spettur fi ħdan id-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali – *a fol.* 10 *et seq.*), l-avukat tal-kumpanija l-oħra nforma lid-dipartiment li b'effett mid-19 ta' Jannar 2015 is-servizz kollu ta' tindif kien għadda għand WM Environmental Ltd. u li għalhekk Ivanova kellha tkun reġistrata fl-impieg ma' WM Environmental Ltd. mid-data meta twaqqfet taħdem Gafa' Saveway Ltd.. Li l-ħaddiema kollha marru mal-kumpanija tal-appellant ikkonfermah ukoll Martin Zahra, ix-*shop steward* u *cleaner* (*a fol.* 56 *et seq.*). Dan ix-xhud qal ukoll li Ivanova kienet tieħu ħsieb in-nies meta kienet ma' Gafa' Saveway Ltd.. Huwa sinjifikanti li dan ix-xhud qal li kienu ġibdu l-attenzjoni taż-żewġ kuntratturi iżda dawn it-tnejn qalu li s-superviżjoni li kienet issir minn Ivanova kienet faċilment tista' ssir minn uffiċjali tal-istess kuntratturi. Id-dipartiment xorta nforma liż-żewġ diretturi li bir-Regolament huma kellhom l-obbligu li jżommu lil Ivanova bl-istess kondizzjonijiet li kellha qabel.

Illi jirriżulta li l-appellant huwa direttur ta' WM Environmental Ltd. u li għalhekk jirrispondi hu għal dak li jsir mill-kumpanija. Mill-figuri li ngħataw jirriżulta wkoll li Gafa' Saveway Ltd. kellha madwar ħamsin ruħ jaħdmu magħha u li għalhekk japplika Regolament 4 li ġie ċċitat aktar 'il fuq. Lanqas hemm dubju li kulħadd spiċċa jaħdem ma' WM Environmental Ltd. ħlief min iddeċieda li jitlaq minn rajh. Aktar u aktar fid-19 ta' Jannar 2015 id-dipartiment kien mgħarraf li l-kumpanija l-oħra ħarġet mill-kuntratt u jsegwi għalhekk li l-ħaddiema ta' Gafa' Saveway Ltd.

kellhom skont il-liġi dritt li jibqgħu jaħdmu mal-kumpanija li ħadet il-kuntratt bil-kondizzjonijiet ta' qabel. Ivanova kienet kellmet lill-appellant li offrielha kuntratt ta' *cleaner* meta din kellha kuntratt ta' ekoloġista kif jirriżulta mill-atti proċesswali. F'dan il-każ japplika Regolament 3A ċċitat aktar 'il fuq u dan ġialadarba t-trasferiment sar minn kumpanija li kellha aktar minn għoxrin ruħ.

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti uriet ċerta parzjalita'. Dwar dan din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti kienet f'pożizzjoni aħjar biex tapprezza l-mod kif xehdu x-xhieda għaliex rathom u semgħethom jixhdu quddiemha. Il-fatt li Qorti tiddeċiedi li verżjoni hija aktar kredibbli mill-oħra ma jfissirx li Qorti kienet parzjali.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għall-fatt li l-Ewwel Qorti kkummentat li l-appellant ma pproduċiex il-lista tal-ħaddiema. Mix-xiehda tal-appellant jirriżulta li kien hu li wiegħed li dawn jipproduċiehom. Issa waqt li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront ta' persuna mixlija, Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli b'Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħodd għaż-żewġ naħat. Dan l-artikolu huwa li min jallega jenħtieġ li jipprova. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kien qed tapplika l-artikolu msemmi

Illi dwar l-argument li d-dokument tat-*termination* ma kienx ikkonfermat mid-dipartiment, din il-Qorti tinnota li hawn il-kwistjoni mhijiex it-terminazzjoni iżda li Ivanova ma kinitx ittieħdet mill-appellant kif titlob il-liġi. Dwar ix-xiehda tar-rappreżentant tar-Reġistru tal-Kumpaniji, li wkoll ma ppreżentax dokument, filwaqt li kien ikun aħjar kieku dan id-dokument ġie ppreżentat pero' min jiġġudika għandu jara jekk min qed jixhed hux jgħid il-verita' (kemm jekk bid-dokument kif ukoll jekk bla dokument) u f'dan il-każ dak li xehed ir-rappreżentant kien korroborat fix-xiehda tal-appellant stess.

Illi dwar dak li xehed Mario Gatt – għaliex dan qal li ma kienx ra xi dokument dwar kif tqassmu l-impjegati – irid ikun ikkunsidrat

li b'effett mid-19 ta' Jannar 2015 meta l-kumpanija l-oħra li kienet ħadet it-*tender* irtirat minnu segwa loġikament li allura l-ħaddiema kollha riedu jkunu assorbiti mill-kumpanija li l-appellant huwa direttur tagħha. S'intendi kulħadd kellu l-liberta' li jitlaq u xi wħud hekk għamlu u dan skont ix-xiehda tax-*shop steward*. Imma Ivanova tant ma telqitx mill-impieg li kienet kellmet lid-direttur, marret tippanċja, kif ukoll marret tirraporta l-każ wara li ma kinitx assorbita. Minn dak li xehed Mario Gatt jirriżulta li l-attitudni tas-soċjetajiet kienet li xogħol Ivanova setgħet jsir minn nies tagħhom. M'hemm ebda dubju raġonevoli li l-appellant kien jaf bis-sitwazzjoni legali għax kien ukoll ammonit bl-obbligu li joħloq ir-Regolament.

Illi l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-kumpanija li kienet ser tittrasferixxi kellha aktar minn għoxrin ħaddiem magħha. Dan huwa element li ried ikun ippruvat. Imma l-prova hawn ħarġet minn fomm l-appellant stess meta ssemma speċifikament li fil-bidu kien assuma ħamsa u għoxrin (25) ħaddiem u l-istess numru assumiet il-kumpanija l-oħra. Għandu jingħad illi l-provi jistgħu jirriżultaw kemm mill-provi tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mill-provi li tressaq id-difiża.

Illi mis-sentenza appellata ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni wiesgħa lill-provvediment tal-liġi.

Għal dawn ir-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jargumenta li ma saritx il-prova li l-obbligu impost b'Artikolu 38(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta kien jispetta lilu. L-appellant jiċċita dan is-sub-artikolu u jissottometti li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova li huwa personalment jew vikarjament għandu l-obbligi imposti fuqu mil-liġi. Jgħid li dan ma sarx. Jgħid li ma ġie qatt stabbilit min miż-żewġ soċjetajiet kellu l-obbligu li jassumi r-responsabilitajiet ta' Tatyana Boyanova Ivanova. L-appellant jerġa' jirreferi għal dak li

xehed Mario Gatt li qal li ma ra l-ebda dokument ta' kif kienu tqassmu l-impjegati tas-soċjeta' Gafa' Saveway Ltd.. Jgħid li prova dwar dan ma kinitx tispetta lilu u jisħaq li Ivanova l-ewwel marret għand TF Services Ltd. u kienet biss wara li ġiet rifjutata li din marret għandu (għand l-appellant). Jisħaq li la din il-prova hija mankanti huwa kellu jkun liberat mill-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Illi dwar l-aggravju in eżami fejn l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li hu kien il-persuna li personalment jew vikarjament għandha l-obbligi mposti fuqha bil-liġi, din il-Qorti tinnota li kif intwera aktar 'il fuq dan effettivament sar bix-xiehda tal-PL Quentin Tanti li qal li fis-sena 2015 l-appellant kien id-direttur kif ukoll il-*"legal and judicial representative"* u segretarju. Dan ġie korroborat bix-xiehda tal-appellant innifsu.

Illi għandu jiġi rilevat li mad-19 ta' Jannar 2015, meta ħarġet mix-xena s-soċjeta' l-oħra, ma kien hemm ebda dubju li l-obbligu li jassumi lill-ħaddiem kollha waqa' fuq l-appellant. Il-fatt li l-ewwel Ivanova marret għand is-soċjeta' l-oħra ma jbiddel xejn minn dan kollu minħabba dak li seħħ fid-19 ta' Jannar 2015 għaliex minn hemm 'il quddiem żgur l-appellant kien jaf li kellu jassumi lil kull ħaddiem kif ukoll kien mgħarraf personalment minn Ivanova dwar l-impieg tagħha u l-kuntratt li kellha. Kemm l-element materjali – in-nuqqas ta' assorbiment ta' Ivanova – kif ukoll l-element formali ġew ippruvati. In fatti l-element formali jirriżulta mill-għemil stess tal-appellant. Lanqas ma jista' l-appellant iġib l-iskuża għaliex il-lista mill-kumpanija ta' qabel damet ġimgħat ma waslet għandu u dana peress li ġialadarba kien qed iħaddem in-nies u jħallashom talli jaħdmu, m'hemmx dubju li kien jaf x'kellu. Din il-Qorti żżid tgħid li bil-każ ta' Ivanova kien infurmat minnha stess. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Wilson Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**